# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 13**

**Avviz numru 2269/97/SM**

**Lorraine Walters**

**vs**

**David Alan Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Novembru ta' l-1997 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kagunati lill-attrici konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Mejju 1997 gewwa Valley Road, Msida bejn il-vettura W-1459 misjuqa mill-attrici u l-vettura KAD-931 misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-istess incident awtomobilistiku sehh tort**

unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-Regolamenti tat-Traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Gunju 1997 kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni;

3. Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont ta' danni ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (LM500.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici Lorraine Walters, illi holqot emergenza subitanea lill-eccipjenti, u ghalhekk irrendiet l-incident awtomobilistiku de quo inevitabbli;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku sehh f'Valley Road, Msida, fil-15 ta' Mejju ta' l-1997 ghall-habta tas-7.00 p.m. u fih kienu nvoluti l-

**vettura tal-marka Datsun bin-numru KAD-931, gia' S-8464 misjuqa mill-konvenut Caruana David Alan u ohra tal-marka Hyundai bin-numru W-1459 misjuqa mill-attrici Walters Lorraine fid-direzzjoni ta' Birkirkara;**

**2. Illi l-attrici ssostni li qabel ma giet ghall-"bridge", xeghlet l-indicator tax-xellug u ftit wara semghet hsejjes ta' brakijiet kbar u kif marret biex iddur dahal il-konvenut fiha, li habat fuq il-genb tal-vettura taghha;**

**3. Illi l-konvenut isostni li hu kien ukoll miexi fid-direzzjoni ta' Birkirkara fuq ix-xellug tat-triq meta l-attrici, li kienet fuq il-lemin tieghu, naqset il-velocita' taghha u daret fuqu, u ghalkemm il-konvenut zamm il-"brake" l-impatt kien inevitabbli;**

**4. Illi harsa lejn il-marki tal-brejkijiet indikati fl-iskizz ipprezentat fl-atti jindikaw velocita' irresponsabbli;**

**5. Illi stante li z-zewg partijiet jaqblu li kienu qed isuqu ma xulxin, il-konkluzjoni rigwardanti l-velocita' hi applikabbli ghaz-zewg protagonisti;**

**6. Illi l-hsarat allegatament sofferti mill-attrici jammontaw ghall-hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward id-danni sofferti mill-attrici ghandu jinghad s-segwenti:**

**1. Illi l-ammont fuq indikat imhallsa ghad-danni minnha sofferti jinkludi hsarat precedenti inkorsi mill-gharus ta' l-istess attrici;**

**2. Illi l-hsara sofferta mill-istess attrici fuq il-bieba tal-passiggier tal-vettura taghha tidher ezagerata – u dan konsapevoli mill-fatt li l-**

**ebda prova dokumentarja jew xorta ohra ma giet imressqa biex tissosstanzja l-allegazzjoni attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li effettivament l-incident in dizamina seta' gie facilment evitat li kieku l-protagonisti odjerni ezercitaw dik il-prudenza tant necessarja fis-sewqan;**

**Ghaldaqstant tiddeciedi li z-zewg partijiet ikkontribwew ugwalment ghall-incident de quo u allura:**

1. **Tiddikjara lill-attrici Walters Lorraine u lill-konvenut Caruana David Alan ugwalment responsabbli ghall-incident de quo;**

2. **Tillikwida d-danni ta' l-attrici, fin-nuqqas ta' provi dokumentabbli, fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin, (LM350.00,0), arbitrio boni viri;**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Caruana David Alan biex ihallas l-ammont ta' mija u hamsa u sebghin lria Maltin, (LM175.00,0), lill-attrici Walters Lorraine, bl-ispejjez u imghaxijiet relattivi jinqasmu ugwalment.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**